*NHAR IL-ĦAMIS 18 TA' LULJU, 2019*

# LAQGĦA ĠENERALI ORDINARJA

*F'DAR L-EWROPA, IL-BELT, 5.30PM*

# L-AKKADEMJA TAL-MALTI

Rapport Amministrattiv għas-sena

2018-2019

# KUNSILL 2017-2019

Dr Mario Cassar (President) – Prof. Albert Borg (President)

David Agius Muscat (Viċi President)

Joseph P. Borg (Segretarju)

Reno Fenech (Assistent Segretarju)

Phyllis Debono (Teżoriera)

Ann Marie Schembri (Assistent Teżoriera)

Sergio Grech (U.R.P.)

Rita Saliba, Charles Casha, Dr Olvin Vella u

Dr George Farrugia (Membri)



Dr Mario Cassar (President), David Agius Muscat (Viċi President), Joseph P. Borg (Segretarju), Reno Fenech (Assistent Segretarju), Phyllis Debono (Teżoriera), Ann Marie Schembri (Assistent Teżoriera), Sergio Grech (Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi), Rita Saliba, Charles Casha, Dr Olvin Vella u Dr George Farrugia (Membri)



# Matul din is-sena l-Kunsill iltaqa' sitt darbiet fid-dati li ġejjin:

| **Laqgħa 12:** | **25 ta' Settembru 2018** |
|---|---|
| **Laqgħa 13:** | 29 ta' Ottubru 2018 |
| **Laqgħa 14:** | 3 ta' Diċembru 2018 |
| **Laqgħa 15:** | 21 ta' Frar 2019 |
| **Laqgħa 16:** | 23 ta' April 2019 |
| **Laqgħa 17:** | 26 ta' Ġunju 2019 |

# L-attendenza għal-laqgħat

| | Preżenti | Skużat |
|---|---|---|
| Prof. Albert Borg (President) | 6 | - |
| David Agius Muscat (Viċi President) | 6 | - |
| Joseph P. Borg (Segretarju) | 6 | - |
| Phyllis Debono (Teżoriera) | 6 | - |
| Reno Fenech (Assistent Segretarju) | 6 | - |
| Ann Marie Schembri (Assistenta Teżorier) | 4 | 2 |
| Charles Casha | 4 | 2 |
| Dr George Farrugia | 3 | 3 |
| Rita Saliba | 6 | - |
| Sergio Grech (Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi) | 5 | 1 |
| Dr Olvin Vella | 2 | 4 |

# Mistiedna speċjali waqt il-laqgħat

Dorianne Bartolo mill-Għaqda tal-Malti – Università b'rabta mal-edizzjoni l-ġdida bin-novelli miġbura ta' Ġużè Bonnici



għaqda tal-malti
università • 1931



# Laqgħat oħra

Mal-organizzaturi ta' Poeżijaplus (2.11.2018 u 1.04.2019)

Mal-Kumitat Festi Nazzjonali għas-serata f'ġieħ il-Poeta Nazzjonali (24.09.2018)

Laqgħa tas-sottokumitat għas-serata f'ġieħ Karmenu Bonavia (14.02.2019)

Laqgħat tal-bord editorjali għall-ktieb *Fuq il-Passi ta' Vassalli* (22.11.2018, 26.12.2018 u 10.01.2019)

Laqgħa dwar il-wirja dwar l-ilsien Malti ma' Heritage Malta ( 3.05.2019)

Laqgħa ma' Mons. Edgar Vella b'rabta mal-kamra ta' Dun Karm fil-Mużew tal-Katidral (2.07.2019)

Laqgħa tal-bord editorjali tal-ħarġa letterarja ta' *Il-Malti* (30.05.2019)

Dawn jgħoddu għaxar laqgħat oħra

# Laqgħa mal-President ta' Malta



PHOTO: DOI - Clodagh Farrugia O'Neill

# L-aktar laqgħa importanti

Saret fit-30 ta’ Mejju 2019 fl-Università ta’ Malta mal-għaqdiet u l-entitajiet tal-Malti dwar il-qagħda tal-Ilsien Malti. Iddiskutejna numru ta’ proposti u dawn se jiġu ppreżentati f’**Memorandum** lill-President ta’ Malta.







# Total ta’ tmintax-il laqgħa

- Phyllis Debono u Rita Saliba komplew jaħdmu fuq il-katalgu tal-Librerija Anton Buttigieg fil-Palazz ta' Sant'Anton flimkien mal-librara mill-Malta Libraries.
- Marru jaħdmu fuq il-katalgu mill-inqas 14-il darba.
- Fid-29 ta' Marzu 2019 ġie pprezentat il-katalgu tal-kotba fil-Librerija Anton Buttigieg fil-preżenza tal-Eċċellenza Tagħha Marie-Louise Coleiro Preca u l-Eċċellenza Tiegħu Dr George Vella.



PHOTO : DOI - Kevin Abela

# Pubblikazzjonijiet

## *IL-MALTI* – ħarġa akkademika (2018)

Bord Editorjali:

Dr Josette Attard (editriċi)

Phyllis Debono

Rev. Norbert Ellul Vincenti

Marlene Saliba


Fuq il-Passi
ta' Vassalli
JOSEPH P. BORG

# Pubblikazzjonijiet

***Fuq il-Passi ta' Vassalli***

- l-istudji kollha taż-żewġ konferenzi li saru fit-3 ta' Diċembru 2014 u s-7 ta' Jannar 2015
- ir-riċerka oħra ppreżentata fil-Konferenza Vassalli tal-2004 u l-2006 organizzati mill-Għaqda tal-Malti (Università)
- tinkludi kitbiet oħra, dejjem marbutin ma' Vassalli
- Kronoloġija dettaljata minn Dr Olvin Vella
- Biblijografija selettiva


SEMINAR
IS-SESSIŻMU FIL-LINGWA MALTIJA
Is-Sibt, 30 ta' Settembru 2017
bejn id-9:30am u s-1:00pm
Dar l-Ewropa – il-Belt Valletta


X'inhi d-differenza bejn is-sess, il-ġeneru u l-ġens grammatikali?
Ejja
dwar
s-seminar
Is-sessiżmu
fil-lingwa
Maltija
Is-Sibt, 30 ta' Settembru 2017
mid-9.30 sas-1pm
Ġejja!
Ġej!
?
:)
Dar l-Ewropa
il-Belt Valletta


EUROPE
DAR
L-EWROPA

# Taħdita għand il-Karmelitani




22 ta' Frar 2019:

'Meta l-Maltin għażlu d-demokrazija fi żmien l-imblokk'

minn Dr Joan Abela u Michael Buhagiar

# Midalja tad-Deheb
# ‘Ġieħ l-Akkademja tal-Malti’

**17 ta’ Diċembru 2018**
**bil-Patroċinju tal-President ta’ Malta**
**fis-Sala Antoine de Paule fil-Palazz ta’ Sant’Anton**



# Għas-sena 2018 il-ġurija tagħżel lil Trevor Żahra















EXCELSIOR



# Serata kommemorattiva f'ġieħ Karmenu Bonavia u tnedija tal-ktieb *Karmenu Bonavia u Kitbietu*



















# Il-Poeta Nazzjonali kkommemorat

Il-Kumitat Festi Nazzjonali u l-Akkademja ħadu ħsieb ifakkru lil Dun Karm f'serata li saret f'Palazzo De La Salle, il-Belt, fit-12 ta' Ottubru 2019.

Din is-sena t-tema magħżula kienet 'L-Ilsien Malti Dari u Llum'.






Il-programm kien jinkludi għandna tal-fatt, diskussjoni li tmexxiet minn Marcel Zammit Marmarà ma’ Prof. Albert Borg, Dr George Farrugia u Marita Cassar u kant u mużika minn Mro Dominic Galea, Joseph N. Vella u Doreen Galea. Ħa sehem ukoll il-kantawtur Mario Debono.


STEINWAY & SONS

# Il-Kamra ta' Dun Karm
# fil-Mużew tal-Katidral






Bqajna nikkorrespondu u fit-2 ta’ Lulju 2019 iltqajna mill-ġdid ma’ Mons. Edgar Vella, il-Kuratur tal-Katidral tal-Imdina, biex inżommu ruħna aġġornati mar-rinovazzjoni tal-Kamra ta’ Dun Karm li tinsab fil-Mużew tal-Katidral. 2 ta’ Lulju 2019






DUN KARM
Il-Bniedem wara l-Poeta
DUN KARM PSAILA


Filedex
FILE


DUN KARM
HAJJA U KARATTRU
DUN KARM
Malta cristiana
e il suo poeta

# Il-proġett tal-ittri ‘strambi’

ḣḢ ħĦ ḣ́Ḣ́ ꞔꞔ ꞡꞠ ŋŊ ꜧꜦ ꜧꜦ      غ ع ح خ ق ش شّ ۺ ج ث چ

ꝁꝀ ȥȤ k̇K̇ k̈K̈ g̈G̈ ſ ŋŊ      ɸ ح çÇ ģĢ ĵĴ ŭŬ ḋḊ

ꞃꞂ ꞃ̄Ꞃ̄ ꜧꜦ ŋŊ ꞇꞆ ꞃꞂ ꚗꚖ ʒƷ      ŭŬ

ɼΓ ꚛꚚ ꞹꞸ ɸΦ ꜫꜪ ȼȻ ḋḊ ṫṪ      ġh Ġh k̇K̇

ǐǏ ǔǓ âÂ ŷŶ ôÔ ûÛ äÄ ëË ïÏ

öÖ üÜ æ̈Æ̈ æÆ åÅ e̊E̊ i̊I̊ o̊O̊ ůŮ

ḡḠ ꞡꞠ ꜫꜪ ꜫ̇Ꜫ̇ ȣȢ ɯƜ ʎ⅄

ꞑꞐ ꞑ̇Ꞑ̇ ꞓꞒ ꞓ̇Ꞓ̇ ȥȤ ȣȢ ħ̓Ħ̓ çÇ

ɛƐ ɛ̇Ɛ̇ ẓẒ      åÅ ỹỸ w̃W̃ c̃C̃

ꞡꞠ s̃S̃ ʒƷ ǵǴ ćĆ ūŪ ēĒ īĪ

ṡ̈S̈ k̈K̈ 77 ʒƷ îÎ ꞩꞨ g̈G̈

David Agius Muscat identifika ammont kbir ta' ittri differenti ta' kittieba Maltin tas-seklu 19 u qabel.

Dawn issa telgħu għal 125 ittra żgħira + 125 ittra kbira; kull ittra tkun regolari, bil-grassett, bil-korsiv, bil-grassett u l-korsiv f'daqqa, total ta' 1000 sinjal differenti.

# ALFABETO MALTESE.

| | Lettere Maltesi | | Nome | Lettere Arabe corrispondenti. | | Lett. Ebraiche corrispondenti. | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | A | a | A | اَ | Elif | א | Alef |
| 2 | B | b | Be | ب | Ba | ב | Bet |
| 3 | C | c | Ce | ج | Cim | ש | Cin |
| 3 | C̡ | c̡ | Cin | ج | Cim | ש | Cin |
| 4 | D | d | De | د | Dal | ד | Dalet |
| 5 | E | e | E | اِ | Kesra | אֶ | Segol |
| 6 | F | f | Effe | ف | Fe | פ | Fe |
| 7 | G | g | Ge | ج | Gim | ג | Ghimel |
| 7 | G̡ | g̡ | Gim | ج | Gim | ג | Ghimel |
| 8 | Għ Għ | għ għ | Ghain | ع غ | Ghain | ע | Ghain |
| 9 | H | h | Acca | ه | He | ה | He |
| 10 | Ħ Ḩ | ħ ḩ | Ħa Ḩa | ح خ | Ha Hha | ח | Hhet |
| 11 | I | i | I | ى | Je | י | Jod |
| 12 | J | j | J | ى | Je | י | Jod |
| 13 | K | k | K | ك | Kef | כ | Caf |
| 14 | Ƙ | ƙ | Ƙ | ق | Ƙaf | ק | Cof |
| 15 | L | l | Elle | ل | Lam | ל | Lamed |
| 16 | M | m | Emme | م | Mim | מ | Mem |
| 17 | N | n | Enne | ن | Nun | נ | Nun |
| 18 | O | o | O | اُ | Damma | אָ | Cametz catuf |
| 19 | P | p | Pe | پ | Pe | פ | Pe |
| 20 | Q | q | Qu | ك | Kef | כ | Caf |
| 21 | R | r | Erre | ر | Re | ר | Res-c |
| 22 | S | s | Esse | س | Sin | ס | Sameh |
| 23 | Sc | sc | Es-c-sce | ش | S-cin | שׁ | Scin |
| 24 | T | t | Te | ت | Ta | ט | Tet |
| 25 | U | u | U | و | Uau | ו | Uau |
| 26 | V | v | Ve | ڤ | Uau | ו | Uau |
| 27 | Z | z | Zeta | | | צ | Tzade |
| 28 | Ȥ | ȥ | Ȥeta | ز | Zain | ז | Zain |

Di ciascuna di queste Lettere si tratterà al Capo 2 dell' Ortografia.

# Ċirkulari ma' *Deċiżjonijiet 2*



# Stqarrijiet għall-istampa

L-AKKADEMJA TAL-MALTI AD 1920
Dar Doreen Micallef, 12, Flat 1, Triq Sant'Andrija, Il-Belt Valletta VLT 1341
info@akkademjatalmalti.org | www.akkademjatalmalti.org

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA

**Stqarrija mill-Akkademja tal-Malti fuq l-għarfien tal-Malti tal-impjegati**

Filwaqt li l-Akkademja tal-Malti temmen li l-Maltin għandu jkollhom għarfien tajjeb tal-Malti u tal-Ingliż biex ikunu jistgħu jwettqu ħidmiethom bl-aħjar mod possibbli u skont dak li jitlob minnhom ix-xogħol tagħhom, tixtieq tesprimi t-tħassib tagħha dwar kriterji li qed jintużaw biex jiġu ingaġġati ħaddiema ġodda.

Bosta lmentaw mal-Akkademja li l-intervisti ta' numru kbir ta' kumpaniji hawn Malta qed isiru bl-Ingliż biss. L-Akkademja tisħaq fuq l-importanza tal-Ingliż, speċjalment għal ċerti xogħlijiet, imma temmen ukoll fl-importanza tal-Malti. L-Akkademja tinnota b'dispjaċir li diversi nies li qed jiġu ingaġġati biex ibigħu prodotti jew jagħtu servizzi hawn Malta ma jafux jikkomunikaw bil-Malti u jippretendu li jkunu l-Maltin li jkollhom jippruvaw jifhmu ħtiġijiethom bil-lingwi tal-impjegati.

Għaldaqstant l-Akkademja tal-Malti titlob lill-awtorijiet responsabbli biex jaraw b'urġenza li kull min qed joffri impjieg jitlob li l-impjegati għandu jkollhom għarfien xieraq l-ewwel u qabel kollox tal-Malti. Titlob ukoll lill-Gvern biex jikkunsidra li joħloq korsijiet obbligatorji għall-barranin li jgħixu u jaħdmu Malta biex jitgħallmu l-Malti kif qiegħed jiġri diġà fil-qasam tas-saħħa.

Sergio Grech
Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi

15.04.2019

President – Prof. Albert Borg | Viċi President – David Agius Muscat | Segretarju – Joseph P. Borg | Teżoriera – Phyllis Debono
Assistent Segretarju – Reno Fenech | Assistenta Teżoriera – Ann Marie Schembri
Uffiċjal għar-Relazzjonijiet Pubbliċi – Sergio Grech
Membri – Charles Casha, Dr George Farrugia, Rita Saliba, Dr Olvin Vella

*"taħdem biex iġġib 'il quddiem il-qagħda tal-Malti bħala lsien nazzjonali fl-oqsma kollha tal-ħajja"*

Il-Kunsill ħareġ żewġ stqarrijiet oħra:

- fuq l-għarfien tal-Malti tal-impjegati fejn talbet lill-awtorijiet responsabbli biex jaraw b'urġenza li kull min qed joffri impjieg jitlob li l-impjegati għandu jkollhom għarfien xieraq l-ewwel u qabel kollox tal-Malti. Fl-istqarrija ressaqna wkoll il-proposta li l-Gvern għandu jikkunsidra li joħloq korsijiet obbligatorji għall-barranin li jgħixu u jaħdmu Malta biex jitgħallmu l-Malti kif qiegħed jiġri diġà fil-qasam tas-saħħa (15.04.2019);

- fuq il-kwistjoni bejn l-għalliema tal-Malti u l-Ministeru tal-Edukazzjoni u x-Xogħol wara li nqalgħu problemi serji minħabba nuqqas ta' għalliema kemm tal-Malti kif ukoll tal-Matematika. L-istqarrija ħarġet wara li l-MUT ma qablitx u oġġezzjonat għall-proposta tal-gvern u fissret it-tħassib tagħha għal mod kif se jsiru u jiġu kkoreġuti l-karti tal-eżamijiet.

# Serati ma' Poeżijaplus

- 30 ta' Lulju 2018: Mario Azzopardi – l-Enfante Terrible (ma' Horizons)
- 26 ta' Novembru 2018: Ċelebrazzjoni Victor Fenech
- 28 ta' Jannar 2019: Ejja Aqra Poeżija
- 1 ta' April 2019: Serata f'ġieħ Charles Casha tfakkar il-50 sena mill-ewwel pubblikazzjoni tiegħu
- 6 ta' Mejju 2019: Serata f'ġieħ il-Belt Valletta
- 24 ta' Ġunju 2019: Serata ma' Walter Micallef bis-sehem tal-Għanja tal-Poplu
- 29 ta' Lulju: 2019: Lejla ta' Ċajt Imqareb ma' Trevor Żahra, Dr Michael Spagnol, Vince Piccinino, Alex Vella Gregory u Vince Fabri

Qed jieħdu sehem b'mod regolari Vince Fabri u Mario Debono bħala kantawturi



# Poeżijaplus, Horizons u l-Akkademja tal-Malti

FLIMKIEN MAL-KUNSILL LOKALI TAL-BELT VALLETTA

JISTEDNUK GĦAL SERATA F'ĠIEĦ

## MARIO AZZOPARDI: *L'ENFANTE TERRIBLE*

NHAR IT-30 TA' LULJU 2018 FIS-7:30 PM
FL-UFFIĊĊJU TAL-KUNSILL LOKALI TAL-BELT VALLETTA
(ĦDEJN IL-BIBLIJOTEKA NAZZJONALI).

DĦUL MINGĦAJR ĦLAS.

Poeżija plus HORIZONS



**Poeżijaplus** flimkien
**mal-Akkademja tal-Malti** u **Horizons**

jippreżentaw

ĊELEBRAZZJONI

# VICTOR FENECH

bil-parteċipazzjoni tal-artist **LUCIANO MICALLEF**

nhar it-Tnejn 26 ta' Novembru, fis-7:30pm
fil-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta
Pjazza Reġina (ħdejn il-Biblijoteka)
Triq it-Teżorerija.

Dħul mingħajr ħlas.

Poeżija plus

HORIZONS

# Poeżijaplus

**bil-kollaborazzjoni**
**tal-Akkademja tal-Malti**
**u l-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta**

# Ejja Aqra Poeżija

**Nhar it-Tnejn 28 ta' Jannar 2019**
**fis-7.30 ta' filgħaxija**
**fil-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta**
**Pjazza Reġina (ħdejn il-Biblijoteka)**

Jekk tixtieq tattendi jew
taqra x-xogħlijiet tiegħek ikteb fuq:
vincefabri@hotmail.com


Poeżijaplus
bil-kollaborazzjoni
tal-Akkademja tal-Malti, il-Klabb Kotba Maltin
u l-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta
Tfakkar il-50 anniversarju minn meta
Charles Casha
ħareġ l-ewwel pubblikazzjoni tiegħu.
Nhar it-Tnejn l-1 ta' April 2019
Fis-7.30 ta' filgħaxija
Fil-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta
Pjazza Reġina (Ħdejn il-Biblijoteka)


POEŻIJAPLUS
bil-kollaborazzjoni tal-Akkademja tal-Malti
u l-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta
"Belt mibnija mill-ġentlomi
għall-ġentlomi…"
Letteratura, intervisti, filmati u mużika
dwar il-Belt Valletta,
bis-sehem ta'
Bibi Camilleri, George Cini, Ramona Depares,
Vince Fabri, Trevor Żahra u Vincent Zammit
Nhar it-Tnejn 6 ta' Mejju fis-7.30 p.m.
fil-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta
Pjazza Reġina (ħdejn il-Biblijoteka)


Poeżijaplus
bil-kollaborazzjoni
tal-Akkademja tal-Malti, il-YTC
u l-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta
Kunċert minn
Walter
Micallef
Nhar it-Tnejn 24 ta' Ġunju 2019
Fis-7.30 ta' filgħaxija
Fil-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta
Pjazza Reġina (ħdejn il-Biblijoteka)
Dħul mingħajr ħlas


POPLU


Poeżijaplus
bil-kollaborazzjoni
tal-Akkademja tal-Malti u l-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta
VALLETTA
Città Umilissima
Hello, il-kompjuters kollha bil-ħsara u qed ikollna nagħmlu kollox bl-idejn!
Lejla ta' ĊAJT IMQAREB
Ċajt, limerikki u kanzunetti, bis-sehem ta'
Dr Michael Spagnol, Trevor Żahra,
Vince Piccinino, Vince Fabri u
Alex Vella Gregory
U hekk issa intom miżżewġin. Tistgħu taġġornaw l-istatus tal-facebook!
Nhar it-Tnejn 29 ta' Lulju 2019
fis-7.30 ta' filgħaxija
fil-Kunsill Lokali tal-Belt Valletta
Pjazza Reġina
(ħdejn il-Biblijoteka)
Dħul mingħajr ħlas
GĦALL-KBAR BISS

# Ħidma oħra għaddejja

- Claire Zerafa ħadet ħsieb iżżomm is-sit elettroniku aġġornat
- L-istudenti Jordan Magri u Owen Mackay issoktaw jaħdmu fuq il-katalgu tal-librerija f'Dar Doreen Micallef għall-proġett tal-Oqsma tal-Għerf (SoK) u ġew reġistrati 423 ktieb
- Saru disa' intervisti fuq stazzjonijiet tar-radju u anke tat-televiżjoni b'rabta mal-ħidma u l-pubblikazzjonijiet tal-Akkademja

- L-Akkademja kompliet l-investiment tagħha fid-diska kompatta (album) bl-għanjiet ta’ Manwel Mifsud. Il-kanzunetti qed jiġu rrekordjati fl-istudjo ta’ Monalito Galea.
- Is-Sur Joseph Mizzi (KKM) aċċetta li jippubblika t-teżi ta’ Marita Cassar, *Xejriet tal-Proża bil-Malti ta’ Dun Karm*
- Fil-laqgħa tal-21 ta’ Frar 2019 il-kunsill iddeċieda li d-Diploma fil-Letteratura Maltija bħala grad tkun tgħodd ukoll għas-sħubija fl-Akkademja tal-Malti, l-istess bħaċ-Ċertifikat tal-Qarrejja tal-Provi tal-Malti

# Qrib iċ-ċentinarju tal-Akkademja tal-Malti

L-Akkademja bdiet tħejji biex niċċelebraw il-mitt sena mit-twaqqif tagħna (1920-2020)

Saret sejħa lill-membri biex iressqu s-suġġerimenti u l-proposti tagħhom (Ċirkulari 10.04.2019). Inġabru 26 proposta.

# Membri ġodda

- Massimiliana De Martino B.A. Malti (Bl-Unuri)
- Rita Montebello (Ċertifikat fil-Qari tal-Provi bil-Malti)
- Dr Ingrid Vella (Ċertifikat fil-Qari tal-Provi bil-Malti)
- Jesmond Sharples (awtur u President tal-Għaqda Poeti Maltin)
- Alex Mizzi (awtur)
- Is-Sur Stanley Mangion (awtur)
- Therese Vella (awtriċi)
- Maria Camilleri (awtriċi u preżentatriċi)
- Manwel Borda (awtur)

# Nirringrazzjawkom tal-appoġġ tagħkom!

Joe Borg

Segretarju

Laqgħa Ġenerali Ordinarja

18.07.2019